MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 8/1997/1

Forestals (Appliances) Limited

vs

Lino Vella

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallasha s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm862,59c) bilanċ ta' prezz ta' oġġetti u materjal lilek mibjugħ u kkunsinnat u dana skond l-istatement anness Dokument A.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata fil-15 ta' April 1996 u bl-imgħax bit-tmienja fil-mija mill-1 ta' Jannar 1997 sad-data tal-ħlas effettiv (Dok, B).

Il-konvenut huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi qabel xejn is-soċjeta’ attriċi għandha ġġib provi dokumentarji dwar il-kreditu reklamat minnha partikolarment kopji tal-*invoices* li għalihom qegħdin jirreferu fl-*istatement* anness maċ-ċitazzjoni.
2. Illi l-eċċipjenti qiegħed jikkontesta t-talbiet attriċi in kwantu l-ammont reklamat ma hux dovut fit-totalita’ tiegħu mill-eċċipjenti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri li l-konvenut qiegħed jirriserva li jqanqal wara li jkun eżamina l-*invoices* imsemmija.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa  u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tagħha tas-19 ta' Gunju 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha l-ammont imsemmi fl-avviż, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' oġġetti u materjal lilu mibjugħ u konsenjat u dana skond ma jirriżulta minn *statement* esebit bħala Dok. A ma' l-Avviż, li ġie konfermat bil-ġurament mill-avukat Dottor Grezzju Mercieca għan-nom tas-soċjeta' attriċi.[1] Il-konvenut jikkontendi illi l-ammont reklamat mhux dovut fit-totalita' tiegħu.

F'din il-kawża xehed Timothy Tabone, direttur tas-soċjeta' attriċi, li reġa' esebixxa *statement of account* ta' l-ammont dovut mill-konvenut,[2] u kopja ta' kuntratt ta' bejgħ ta' forn li sar lill-konvenut fi-25 ta' April 1994 għall-prezz ta' Lm1168, li minnu, wara li tħallset is-somma ta' Lm300 akkont, kien fadal bilanċ ta' Lm868, li huwa ftit iżjed mill-

[1] Ara verbal ta' udjenza tal-15.05.1997 a fol. 7 tal-process .
[2] Dok. A a fol. 19 – 20 .

ammont mitlub fil-kawża.[3] Ix-xhud spjega kif il-konvenut kien sar klijent regolari tagħhom, sakemm inqala' l-inkwiet meta forn tal-pizza li kien inxtara mingħandhom kien ħa n-nar.[4] Xehdu wkoll żewġ impjegati tas-soċjeta' attriċi, Bernard Scicluna u Carmel Agius, li iżjed ikkonċentraw fuq il-kwistjoni tal-forn li hija oġġett ta' kawża oħra istitwita mill-konvenut, milli fuq il-mertu tal-kawża preżenti.

Madankollu l-konvenut baqa' ma xehedx u wisq anqas ta xi spjegazzjoni dwar liema mill-partiti ta' l-istatement of account kien qed jikkontesta.

F'tali ċirkostanzi l-Qorti ma tarax għalfejn 'għandiex tilqa' t-talba attriċi kif dedotta f'dan l-avviż, li tidher li hija ġustifikata u timmerita konferma.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin lira maltija u disa' u ħamsin ċenteżmu (Lm862.59), ekwivalenti llum għal elfejn u disa' euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (EUR2009.83), rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' oġġetti u materjal mibjugħ u konsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-15 ta' April 1996 u bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena mill-1 ta' Jannar 1997 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Dok. B a fol. 21 – 22 .

[4] ara atti tal-kawża fl-ismijet : Lino Vella vs Forestals (Appliances) Limited : Citaz. 45/97, deċiża llum ukoll minn din il-Qorti fil-kompetenza superjuri tagħha .